

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Notifika Ta' Dokumenti \(riformulazzjoni\)](#) > Luxembourg

Notifika ta' dokumenti (riformulazzjoni)

Lussemburgu

Lussemburgu

SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

L-Artikolu 3(1) – Aġenziji mittenti

Id-dokumenti jistgħu jiġu nnotifikati personalment minn uffiċjal ġudizzjarju (*huissier*); din il-forma ta' notifika bil-Franċiż tissejjaħ *signification*.

Tista' ssib uffiċjal ġudizzjarju fuq dan is-sit web:

[Chambre des huissiers de justice de Luxembourg](#)

Id-dokumenti jistgħu jiġu nnotifikati wkoll minn reġistratur tal-qorti (*greffier*), normalment bil-posta reġistrata; din il-forma ta' notifika hija magħrufa bit-terminu aktar ġenerali *notification*.

Tista' ssib l-informazzjoni fuq dan is-sit web:

<http://www.justice.public.lu/fr/annuaire/index.html>

Il-Ministeru għall-Ġustizzja ma għandux setgħat fuq din il-kwistjoni u, għalhekk, ittri jew dokumenti oħra li jikkonċernaw in-notifika ta' dokumenti ma għandhomx jiġu indirizzati lill-Ministeru.

L-Artikolu 3(2) – Aġenziji riċeventi

L-uffiċjali ġudizzjarji huma l-uniċi aġenziji riċevituri.

Tista' ssib uffiċjal ġudizzjarju u l-ġuriżdzjoni ġeografika tagħhom f'dan is-sit web:

[Chambre des huissiers de justice de Luxembourg](#)

Il-Ministeru għall-Ġustizzja ma għandux setgħat fuq din il-kwistjoni u, għalhekk, ittri jew dokumenti oħra li jikkonċernaw in-notifika ta' dokumenti ma għandhomx jiġu indirizzati lill-Ministeru.

L-Artikolu 3(4)(c) – Mezzi biex jirċievu d-dokumenti

Ir-riċevuta tista' ssir permezz ta':

posta, posta elettronika, faks jew telefown.

L-Artikolu 3(4)(d) – Lingwi li jistgħu jintużaw għall-mili tal-formola standard li tinsab fl-Anness I

Il-Franċiż u l-Ġermaniż.

L-Artikolu 4 – Korp ċentrali

Il-korp ċentrali hu l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku (*Parquet Général*) fil-Qorti Suprema tal-Ġustizzja (*Cour supérieure de Justice*).

Parquet Général

Cité judiciaire

CR Building

Indirizz postali: L-2080 Luxembourg

Tel.: (+352) 47 59 81-2336

Faks: (+352) 47 05 50

Indirizz tal-posta elettronika: parquet.general@justice.etat.lu

Lingwi: Il-Franċiż u l-Ġermaniż.

Il-Ministeru għall-Ġustizzja ma għandux setgħat fuq din il-kwistjoni u, għalhekk, ittri jew dokumenti oħra li jikkonċernaw in-notifika ta' dokumenti ma għandhomx jiġu indirizzati lill-Ministeru.

L-Artikolu 7 – Assistenza f'inkjesti dwar indirizzi

F'konformità mal-Artikolu 7, il-Lussemburgu jipprovdi l-assistenza msemmija fl-Artikolu 7(1)(a) biex jinstab l-indirizz tal-persuna li għandha tiġi nnotifikata bid-dokument ġudizzjarju jew ekstraġudizzjarju.

L-awtoritajiet nominati li l-aġenziji trażmettituri jkunu jistgħu jindirizzaw talbiet dwar id-determinazzjoni tal-indirizz tal-persuna li għandha tiġi nnotifikata lilhom huma l-uffiċjali ġudizzjarji.

Tista' ssib uffiċjal ġudizzjarju u l-ġurisdizzjoni ġeografika tagħhom f'dan is-sit web:

[Chambre des huissiers de justice de Luxembourg](#)

F'konformità mal-Artikolu 7(2)(c), il-Lussemburgu jindika li, fir-rigward tat-trażmissjoni ta' talba għan-notifika ta' dokument lil uffiċjali ġudizzjarji fil-kapaċità tagħhom bħala aġenti riċevituri, l-uffiċjali ġudizzjarji jissottomettu, fuq inizjattiva tagħhom stess, fil-bażijiet tad-*data* disponibbli għalihom, it-talbiet għal informazzjoni dwar l-indirizzi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi f'każijiet li fihom l-indirizz indikat fit-talba għan-notifika ma jkunx korrett. Jekk ikun hemm indirizz uffiċjali ġdid fit-territorju tal-ġurisdizzjoni ġeografika tal-uffiċjal ġudizzjarju, l-uffiċjal ġudizzjarju jinnotifika l-att lil dan l-indirizz il-ġdid.

L-Artikolu 8 – Trażmissjoni tad-dokumenti

Il-Lussemburgu jippermetti li l-formola tar-rikjesta (il-formola A) timtela bil-Ġermaniż kif ukoll bil-Franċiż.

L-Artikolu 12 – Meta d-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta dokument

Mhux applikabbli.

L-Artikolu 13 – Data tan-notifika

Skont il-liġi tal-Lussemburgu, dokument irid jiġi nnotifikat fi żmien perjodu speċifiku, kif previst fl-Artikoli 12(5) u 13(2) tar-Regolament (UE) 2020/1784 tal-25 ta' Novembru 2020.

Meta d-dokument jiġi nnotifikat personalment minn uffiċjal ġudizzjarju (*signification*), l-avviż tan-notifika (*exploit*)

irid jindika d-data tan-notifika, jiġifieri d-data meta l-avviż tan-notifika jitwassal lid-destinatarju jew fl-indirizz tad-dar tad-destinatarju, jew id-data li fiha d-dokument jiġi ddepożitat fl-indirizz tad-dar tad-destinatarju.

Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta l-kopja tad-dokument li jiġi nnotifikat, l-uffiċjal ġudizzjarju iżomm rekord ta' dan fl-avviż tan-notifika. F'dan il-każ, id-dokument jitqies li ġie nnotifikat fid-data meta jiġi ppreżentat lid-destinatarju.

Meta l-persuna li tiġi nnotifikata bid-dokument ma jkollhiex indirizz tad-dar jew residenza magħrufa, l-uffiċjal ġudizzjarju jikteb riferata (*procès-verbal*) li jispjega l-passi meħudin biex jinstab id-destinatarju. Id-dokument jitqies notifikat meta tinkiteb ir-riferata.

Meta d-dokument jiġi nnotifikat bil-posta reġistrata (*notification*), il-Lussemburgu japplika sistema ta' data doppja.

Id-data fir-rigward tal-mittent hi differenti mid-data fir-rigward tad-destinatarju.

Fir-rigward tal-mittent, id-data tan-notifika hija d-data tat-trażmissjoni.

Fir-rigward tad-destinatarju, id-data tan-notifika hija d-data meta d-dokument jiġi kkonsenjat lid-destinatarju.

Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta l-ittra reġistrata, il-ħaddiem tal-posta jżomm rekord ta' dan fil-konferma tar-riċevuta u jirritorna l-ittra reġistrata flimkien mal-konferma tar-riċevuta. F'dan il-każ, id-dokument jitqies li ġie nnotifikat fid-data meta l-ittra reġistrata tiġi ppreżentata lid-destinatarju.

L-Artikolu 14 - Ċertifikat tan-notifika u kopja tad-dokument notifikat

Il-Lussemburgu jippermetti li l-formola għaċ-ċertifikat ta' notifika jew ta' nuqqas ta' notifika tad-dokumenti timtela bil-Ġermaniż kif ukoll bil-Franċiż.

L-Artikolu 15 - Spejjeż tan-notifika

Ir-rata fissa unika hija ffixsata għal €165.

L-Artikolu 17 - Notifika minn aġenti diplomatiċi jew uffiċjali konsulari

Il-Lussemburgu jopponi li l-aġenti diplomatiċi u konsulari tiegħu jinnotifikaw direttament dokumenti ġudizzjarji u ekstraġudizzjarji fi Stat Membru ieħor.

Il-Lussemburgu huwa oppost ukoll għal aġenti diplomatiċi u konsulari ta' Stati Membri oħra li jinnotifikaw dokumenti bħal dawn fit-territorju tiegħu, ħlief f'każijiet li fihom id-dokument jiġi nnotifikat lil ċittadin tal-Istat Membru minn fejn joriġina.

L-Artikolu 19 - Servizz elettroniku

Mhux applikabbli.

L-Artikolu 20 - Notifika diretta

Il-Lussemburgu jawtorizza n-notifika diretta skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2020/1784 tal-25 ta' Novembru 2020.

Il-Ministeru għall-Ġustizzja ma għandux setgħat fuq din il-kwistjoni u, għalhekk, ittri jew dokumenti oħra li jikkonċernaw in-notifika ta' dokumenti ma għandhomx jiġu indirizzati lill-Ministeru.

Id-dokumenti jistgħu jiġu nnotifikati personalment minn uffiċjal ġudizzjarju (*huissier*); din il-forma ta' notifika bil-Franċiż tissejjaħ *signification*.

L-uffiċjali ġudizzjarji fl-istat indirizzat ma humiex responsabbli għall-iżgurar li l-formola u l-kontenut tad-dokument trażmess direttament mill-persuna kkonċernata jkunu kif suppost. Huma responsabbli biss għall-formalitajiet u għall-proċeduri li japplikaw meta jinnotifikaw id-dokumenti fl-istat indirizzat.

Tista' ssib uffiċjal għudizzjarju fuq dan is-sit web:

[Chambre des huissiers de justice de Luxembourg](#)

L-Artikolu 22 – Meta l-konvenut ma jidhirx għall-proċedimenti

Minkejja l-Artikolu 22(1), il-qradi tal-Lussemburgu jistgħu joħroġu verdett jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 22(2).

Skont l-Artikolu 22(4), fil-Lussemburgu, rikors għal ħelsien jista' jiġi ddikjarat inammissibbli jekk ma jiġix ippreżentat fi żmien raġonevoli – li għandu jiġi vvalutat mill-imħallef – miż-żmien meta l-intimat isir jaf bis-sentenza jew miż-żmien meta tintemm l-impossibbiltà li tittieħed azzjoni; ir-rikorsi ma jistgħux jiġu ppreżentati aktar minn sena wara n-notifika tas-sentenza.

L-Artikolu 29 – Relazzjoni ma' ftehimiet jew arranġamenti bejn l-Istati Membri

Mhux applikabbli.

L-Artikolu 33(2) – Notifika dwar l-użu bikri tas-sistema tal-IT deċentralizzata

Mhux applikabbli.

■ L-aħħar aġġornament: 12/09/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.